Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 1

It-Tlieta 2 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 1.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 1.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 1.2 | Accettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku |
| 1.2.1 | Skond l-Att tal-Kunsilli Lokali Kap 363, Artiklu 25 il-Kunsillier Stephen Caruana beda sabiex fetah il-laqgha bit-talba u ta' introduzzjoni dwar l-accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku u Vici Sindku. |
| 1.2.2 | Il-Kunsillier Steven Grech qara u ffirma il-gurament ta' Accettazjoni tal-hatra ta' Sindku fil-prezenza tal-Kummissarju tal-Gustizzja, illi ssejjah ghal din il-laqgha. |
| 1.2.3 | Is-Sur Steven Grech kien dikjarat Sindku tat-Tmien legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| 1.3 | Accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku |
| 1.3.1 | Il-Kunsillier Elenia Desira qrat u ffirmat il-gurament ta' Accettazjoni tal-hatra ta' Vici Sindku fil-prezenza tal-Kummissarju tal-Gustizzja, illi ssejjah ghal din il-laqgha. |
| 1.3.2 | Is-Sa Elenia Desira kienet dikjarata Vici Sindku tat-Tmien legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |

| | |
|---|---|
| 1.4 | Diskors mis-Sindku |
| | Qed niltaqghu illum it-Tlieta 2 ta' Lulju 2019 f'din l-ewwel seduta tal-Kunsill Lokali hekk kif mahtur mir-residenti Xlukkajri skond l-Elezzjoni ta' nhar il-25 ta' Mejju 2019.<br><br>Apparti li jien grat u onorat bil-fiducja espressa fija, ninsab kuntent ghal kull membru elett u insellem lil dawk il-kandidati kollha li ofrew isimhom ghaliex jghaqqadna hemm l-imhabba lejn Marsaxlokk u s-sens ta' dover li nkunu ta' servizz ghac-cittadin.<br><br>Tlaqt bis-*Slogan*: Mieghek bil-fatti ghall-Kunsill ahjar. Hekk irrid nimxi mar-residenti u anke ma kull Kunsillier. It-titli ma jaghmlux bija imma jaghmlu bija l-lealta', l-efficjenza u l-hidma mwettqa. Dan se jkun il-kejl li se jkejluna bih kull min ivvutalna u anke l-kejl li se nuza jien ma' kull wiehed u wahda minkom ghad-dekasteri li se nghaddi fir-resonsabbilta' taghkom u anke ghal-hidma kollettiva taghna bhala Kunsil Lokali.<br><br>Irrid li nimxu b'sistema fejn kull Kunsillier responsabbli minn Dekasteru jressaq l-ideat tieghu ghad-diskussjoni. Wara li jkunu maqbula l-punti principali, jfassal pjan ta' hidma li jinaghta l-approvazzjoni ghalih u jimxi ma' linji gwida li se nkun stabilixxejt.<br><br>Dawn il-linji gwida jridu jmexxuni fuq:<br><br>• Kif se jsir ix-xoghol<br>• *Deadlines* ta' fazijiet<br>• Mod kif ikun imhabbar u promoss ix-xoghol<br>• Punti ta' kritika li jinkludu xi inkonvenjenza<br><br>L-inkluzzjoni u l-komunikazzjoni fit-tmexxija tieghi ta' dan il-Kunsill huma sagrosanti u ghalhekk filwaqt li nitlob li jsir dan min kull membru tal-Kunsill, se nara li nkunu assistiti wkoll min profesjonisti filwaqt li nirrimarka l-importanza ta' sotto-kumitati f'dekasteri specifici. Dwar dan inhares li nitkellem ma' kull kunsllier rispettivament.<br><br>Ghal din il-legislatura ddecidejt li nafda dawn id-dekasteri lil Kunsilliera, kif gej; |

| 1.5 | Formazzjoni tal-Kunsill ghal-legislatura |
|---|---|
| 1.5.1 | Steven Grech – se nkun responsabbli minn:<br><br>• Ambjent<br>• Innovazzjoni<br>• Infrastruttura<br>• Progetti<br>• Gustizzja<br>• Riformi<br><br>Elenia Desira – se tkun responsabbli minn:<br><br>• Indafa Pubblika<br>• Integrazzjoni Socjali<br>• Fondi Ewropej<br>• Kura u Sahha Pubblika<br><br>Janice Chetcuti – se tkun responsabbli minn:<br><br>• Sports u Attivitajiet Fizici<br>• Edukazzjoni<br>• Anzjani<br>• Harsien tal-Animali<br><br>Daniel Zerafa – se jkun responsabbli minn:<br><br>• Kultura u Turizmu<br>• Wirt Storiku<br>• Komunitajiet – Federazzjoni Ghaqdiet Xlukkajri<br>• Zghazagh u Tfal<br>• Awtorita ta' l-Ippjanar<br><br>Stephen Caruana – se jkun responsabbli minn:<br><br>• Sajjieda<br>• Persuni bi Bzonnijiet Specjali<br>• Qasam Socjali<br>• Dawl tat-Toroq |

| | |
|---|---|
| | I*s-Sur Steven Grech kompla b'diskors ta' gheluq wara li prezenta l-formazzjoni tal-Kunsill;*<br><br>Qieghed nipproponi li jigi mahtur Konsulent ghal-Media, Relazzjonijiet Pubblici u Media Socjali. Dan biex il-membri tal-Kunsilli jkunu kemm konformi mal-messagg li jrid jinhareg mil-Kunsill Lokali f'sens ta' ghadqa. Il-Konsulent ghalhekk irid ifassal protokol u jaghti linji gwida ghal- mod kif nirrelataw ma' terzi vis-a-vis mezzi varji tal-Media Socjali. B'dan il-mod il-hidma u l-mesagg tal-Kunsill jitwassal b'mod effettiv u anke nimxu maz-zminijiet minghajr ma' naqghu fin-nassa ta' messagi kunflingenti minn kull wiehed u wahda minnha kif gieli gara f'legizlaturi precedenti u f'Kunsilli ohra.<br><br>Infakkar li bhala Sindku, jien nerfa' responsabbilta' legali flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u b'hekk irrid inkun salv mil-prassi uzati ta' tahdidiet varji.<br><br>Nemfasizza l-att li taht it-tmexxija tas-Segretarju Ezekuttiv, l-amministrattiv tal-Kunsill irid ikun iktar accessibli ghar-resident u inklinat lejn *Customer Care*. Ghandna l-obbligu li mhux biss inwettqu riformi imma wkoll naggornaw lil pubbliku b'hidmietna u b'decizjonijiet kemm ezekuttivi u anke ta' xorta ohra li taffetwa l-hajja ta' kull cittadin.<br><br>Nixtieq il-hidma t-tajba biex naghmlu din il-legislatura magna ta' gid ghal Marsaxlokk u kull min imiss mieghu. |
| 1.6 | Ghazla ta' gurnata u hin ghas-seduta tal-Kunsill |
| 1.6.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil 5:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2019 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 2 ta' Lulju 2019.

IFFIRMATA

____________________

Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA

____________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv